MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 22/2008

Gelluxa Supplies Limited

Vs

Dottor Kevin Mompalao li b'digriet tat-3 ta' Novembru 2008 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Tarcisio sive Cisio Portelli.

Il-Qorti;

Permezz ta' rikors prezentat fis-16 ta' Settembru 2008 is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames elef tlett mija u tletin euro u wiehed u disghajn centezmu (€5,330.91) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija fil-hanut tal-konvenut li jinsab l-Gharb Ghawdex.

Il-kuratur ta' l-ufficcju ipprezenta risposta[1] li m'huwiex edott mill-fatti u fl-istess hin oppona ghat-talba tas-socjeta attrici. Permezz ta' nota prezentata llum iddikjara wkoll li kkomunika mieghu Joseph Cutajar[2] li *"....nfurmah ili kien l-intenzjoni tal-familja illi fl-assenza ta' Tarcisio Portelli jhallsu lil attrici skond ftehim milhuq."*.

Rat l-atti nkluz in-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta attrici fejn iddikjarat li l-ammont li l-kreditu hu ta' erbat elef sitt mija u tletin euro u wiehed u disghajn centezmu (€4,630.91) wara li fil-mori tal-proceduri sar hlas ta' sebgha mitt euro (€700).

Semghet ix-xhieda.

Mill-provi li tressqu m'hemmx dubju li l-merkanzija nbieghet u giet konsenjata lill-konvenut. Inoltre, l-ammont pretiz mis-socjeta attrici (wara n-nota ta' riduzzjoni prezentata llum) ghadu dovut u ma tressqet l-ebda prova kontra dak li xehed Mario Grech (direttur tas-socjeta attrici). Verzjoni li hi korraborata mix-xiehda ta' l-avukat Dr Jean Paul Grech. Irrizulta wkoll li sal-lum ghadu ma ntlehaq l-ebda ftehim dwar kif ser isir il-hlas tal-bilanc minkejja dak li ddikjara l-kuratur fin-nota prezentata llum.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef sitt mija u tletin euro u wiehed u disghajn centezmu (€4,630.91) u bl-imghax kif mitlub.

Spejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u mandati kawtelatorji, huma a karigu tal-konvenut b'dan li provizorjament d-dritt tal-kuratur ghandu jithallas mis-socjeta attrici.

---

[1] Fol. 7.
[2] Ir-ragel tat-tifla ta' Tarcisio Portelli.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------